**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**
**IMHALLEF**
**ONOR. DR GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Numru 1.**

**Citazzjoni Numru 13/01 GV.**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Rosanna Carbonaro**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' elfejn, tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm2,380) import ta' kambjali minnha accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dok. "1 sa 20";

Premess illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thalsux nonostante illi l-konvenuta giet interplellata sabiex thallas;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 - 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedii ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm2,380), import ta' kambjali minnha accettati u ffirmati liema kambjali skadew izda baqghu ma thalsux;

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tidher u hekk baqet kontumaci;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici fejn irriduciet l-ammont ghas-somma ta' elf seba' mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm1,751);

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghall-ammont ta' elf seba' mija u wiehed u hamsin lira Maltin Lm1751), bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**